**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 42

Data tal-laqgħa: 11 ta' April, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' għal-laqgħa b'urġenza sabiex jiġu diskussi l-iskemi fuq l-aġenda nhar is-Sibt 11 ta' April, 2026, fil-7:45 a.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci (SKUŻATA)<br>Marilena Galea (SKUŻATA) |
| Segretarju Eżekuttiv | Shirley Falzon |

Il-laqgħa bdiet fil-7.54am billi ntqalet it-talba.

**42/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**42/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, biex tinforma li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa.

**42/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-ittra ta' aploġija mingħand is-Sa Galea.

**42/02** **Skemi ta' Finanzjament**

**42/02/01** Is-Sindku spjegat li din il-laqgħa qed tinżamm b'urġenza sabiex jiġu approvati l-iskemi ta' finanzjament li ġew ippreżentati lill-Kunsill.

**42/02/02** Ġew ippreżentati l-iskemi li ġejjin:

- Skema numru SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament "Lokalitajiet Aktar Nodfa"
- Skema numru SPI/SCI/01/2026 – Finanzjament "Attivitajiet Kulturali Annwali 2026"

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**42/02/03** Is-Sindku nnutat li ż-żewġ skemi kienu diġà ġew ċirkolati lill-membri tal-Kunsill b'mod elettroniku permezz ta' email mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikunu jistgħu jiġu riveduti minn qabel.

**42/02/04** Peress li ma tqajmu l-ebda oġġezzjonijiet, il-membri tal-Kunsill għaddew għall-approvazzjoni tal-imsemmija skemi.

**42/02/05** L-iskemi ġew approvati b'mod unanimu mis-Sindku, is-Sa Mariah Meli, mill-Viċi Sindku,is-Sa Francesca Attard, u mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech.

**42/03** **Tmiem tal-laqgħa**

**42/03/01** Il-laqgħa ntemmet wara li ġew eżawriti l-punti kollha fuq l-aġenda.

| | |
|---|---|
| **Mariah Meli** | **Shirley Falzon** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |